



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13978/18

CFSP/PESC 1017
CSDP/PSDC 629
COPS 414
POLMIL 203
CIVCOM 226

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Novembru 2018
lil:	Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.	13977/18
-----------------	----------

Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Novembru 2018)
----------	---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE, adottati mill-Kunsill fit-3652 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Novembru 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IS-SIGURTÀ U D-DIFIŻA**FIL-KUNTEST TAL-ISTRATEĠIJA GLOBALI TAL-UE**

1. Fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, abbażi tal-gwida mill-Kunsill Ewropew u filwaqt li jfakkar fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar dawn il-materji, il-Kunsill ifakkar fl-impenn sod tiegħu li jimplimenta l-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE fir-rispons għall-konflitti u l-kriżijiet esterni, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab u l-protezzjoni tal-UE u ċ-ċittadini tagħha. Billi tindirizza l-bżonnijiet attwali u futuri tal-Ewropa fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, l-UE ser ittejjeb il-kapaċità tagħha li taġixxi bħala fornitur tas-sigurtà u l-awtonomija strateġika tagħha, u ser issaħħaħ il-kapaċità tagħha li tikkoopera mas-sħab. Huwa jfakkar, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Novembru 2017, li dan ser jikkontribwixxi b'mod deċiżiv għal sforzi kollettivi, anki fil-kuntest tar-relazzjoni tranżatlantika, u ser ittejjeb il-kontribut Ewropew għal ordni globali bbażat fuq ir-regoli bin-NU fil-qalba tiegħu.
2. Il-Kunsill jilqa' l-progress sostantiv li sar fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża matul l-aħħar sentejn u jenfasizza l-importanza li jinżamm il-momentum permezz tal-involvement kontinwu tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-Istati Membri fil-governanza ta' diversi inizjattivi.

F'dan il-kuntest, il-Kunsill illum:

Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK

3. Jilqa' l-qbil dwar Patt dwar id-Dimensjoni Ċivili tal-PSDK mill-Kunsill u mill-Istati Membri, li jimmarka impenn ambizzjuż biex jissaħħa is-CSDP ċivili u jkun aktar kapaċi, aktar effettiv u reattiv, u aktar magħqud fl-ambjent ta' sigurtà mibdul tal-lum. Dan ser jikkontribwixxi għat-twettiq tal-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE u t-tliet prioritajiet strateġiċi tagħha fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, billi jitwettqu l-kompiti tal-PSDK stipulati fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Jenfasizza li dan il-Patt iwitti t-triq biex jiġu indirizzati aħjar il-prioritajiet definiti oriġinarjament f'Feira u jiġu indirizzati sfidi ġodda għas-sigurtà u li ilhom stabbiliti kif identifikati fl-Istrateġija Globali, jiġi implimentat aħjar l-approċċ integrat tal-UE għal konflitti u kriżijiet esterni kif ukoll titrawwem kooperazzjoni u koordinazzjoni bejn il-PSDK u s-servizzi tal-Kummissjoni u atturi oħrajn tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, li jindirizzaw ir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna. Il-Kunsill jistenna bil-ħerqa t-twettiq tal-Patt u l-impenji tiegħu sa mhux aktar tard minn kmieni fis-sajf tal-2023 u ser isegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tiegħu.

Kapaċità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (MPCC)

4. Jilqa' l-impatt pożittiv tal-MPCC fil-kmand u l-kontroll tagħha tat-tliet missjonijiet ta' taħriġ militari tal-UE u jissottolinja r-rilevanza tal-MPCC, imwaqqfa f'Ġunju 2017 bħala kapaċità tal-ippjanar u t-tmexxija permanenti fil-livell militari strateġiku fi Brussell għal dawn il-missjonijiet, skont il-prinċipju li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn man-NATO. Huwa jenfasizza l-kontribut importanti tal-MPCC għall-għan li l-UE tirreaġixxi b'mod aktar mgħaġġel, aktar effettiv u iktar kostanti bħala fornitur tas-sigurtà, bħala parti mill-approċċ integrat tagħha għal konflitti u kriżijiet esterni.

5. Jaqbel, fuq il-bażi tar-rapport tar-Rappreżentant Għoli, li jintegra l-kompiti eżekuttivi attwali taċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet tal-UE (OPSCEN) fl-MPCC, bil-għan li sal-aħħar tal-2020 ikun lest jieħu r-responsabbiltà għall-ippjanar u t-tmexxija operazzjonali tal-missjonijiet militari mhux eżekuttivi tal-PSDK u operazzjoni waħda militari eżekuttiva tal-PSDK limitata għaddaqs tal-Grupp tattiku tal-UE. Huwa jenfasizza li l-MPCC għandha tingħata r-riżorsi umani neċessarji kif miftiehem u l-infrastruttura, u li l-persunal tagħha jkun mħarreġ u eżerċitat. Il-Kunsill jissottolinja li l-persunal jeħtieġ li jinbena gradwalment u b'mod suffiċjenti u f'waqtu, u jenfasizza li l-kundizzjonijiet miftiehma kollha jeħtieġu li jiġu ssodisfati sabiex tintlaħaq Kapasità Operazzjonali Sħiħa.
6. Jinnota li dan ir-rwol imsaħħaħ tal-MPCC huwa komplementari mal-opzjonijiet l-oħra kollha ta' kmand u kontroll għall-operazzjonijiet militari tal-PSDK, u mingħajr preġudizzju għalihom.
7. Jenfasizza l-importanza kontinwa ta' koordinazzjoni intensifikata bejn l-MPCC u l-Kapasità Ċivili tal-Ippjanar u t-Tmexxija (CPCC) permezz taċ-Ċellula Konġunta ta' Koordinazzjoni fil-qasam tal-Appoġġ (JSCC) biex tippermetti u tkompli ssaħħaħ koordinazzjoni u kooperazzjoni ċivili-militari effettivi fl-ippjanar u t-tmexxija operazzjonali ta' missjonijiet tal-PSDK, partikolarment fir-rigward ta' oqsma ewlenin ta' appoġġ tal-missjoni, sabiex jimmassimizzaw l-impatt u l-effiċjenzi. Jenfasizza wkoll l-importanza ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-MPCC, fil-mandat tagħha, u atturi oħra tal-UE bħala parti mill-proċess integrat.
8. Jaqbel mal-għan li jkun hemm reviżjoni li jmiss sal-aħħar tal-2020, ibbażata fuq rapport mir-Rappreżentant Għoli, imħejji b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pass li jmiss sussegwenti possibbli li jkollu jiġi deċiż mill-Kunsill.

Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO)

Fil-qafas tal-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO),

9. Jilqa' l-progress fl-implimentazzjoni tal-PESCO kważi sena wara t-twaqqif tiegħu, b'passi konkreti 'l quddiem fit-tlestija tal-qafas istituzzjonali tiegħu kif ukoll fit-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-proġetti PESCO.

10. Ifakkar fl-adozzjoni reċenti fil-15 ta' Ottubru 2018 ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-sekwenzar tat-twettiq tal-impenji aktar vinkolanti li jsiru fil-qafas tal-PESCO u li tispeċifika objettivi aktar preċiżi. Fuq din il-bażi, l-Istati Membri parteċipanti għandhom jirrevedu u jaġġornaw, kif xieraq, il-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tagħhom skont l-iskedi ta' żmien miftiehma. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli biex jipprovdi l-ewwel rapport annwali tiegħu tal-PESCO, f'konformità mal-proċeduri u l-iskedi taż-żmien miftiehma.
11. Jadotta Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda u taġġorna d-Deċiżjoni (PESK) 2018/340 tas-6 ta' Marzu 2018 li tistabbilixxi lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt PESCO biex tinkludi s-sett li jmiss ta' proġetti tal-PESCO, u jappella għall-implimentazzjoni rapida tal-proġetti kollha. Il-Kunsill ikompli jenfasizza l-valur miżjud Ewropew ċar tal-proġetti tal-PESCO kollha, li ser jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-impenji aktar vinkolanti u biex jintlaħaq il-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE, bil-għan li jinkisbu riżultati tanġibbli fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tal-kapaċità u dawk operazzjonali tal-Unjoni. Dawn għandhom ikomplu jiġu ddisinjati u implimentati b'mod konsistenti mal-Prijoritajiet ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE mifthiema u r-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża. . Wara li qies dawn l-objettivi, il-Kunsill jistieden lis-segretarjat tal-PESCO biex sar-rebbiegħa 2019, qabel it-tnedija tas-sejħa għal proposti li jmiss ta' proġetti tal-PESCO, jippreżenta rapport dwar il-lezzjonijiet inizjali identifikati, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri parteċipanti, bil-għan li jittejjeb il-proċess biex jiġu identifikati, valutati u magħżula proġetti tal-PESCO.
12. Jirrikonoxxi li Stat terz jista', u jkun jeħtieġ li, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2017, jipprovdi valur miżjud sostanzjali għall-proġetti tal-PESCO, jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-PESCO u l-PSDK u jissodisfa impenji aktar diffiċli, waqt li jirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tal-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE u l-Istati Membri tagħha. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jistenna b'interess l-adozzjoni kemm jista' jkun malajr, fil-prinċipju sa tmiem l-2018, ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet ġenerali li taħthom Stati terzi jistgħu eċċezzjonalment jiġu mistiedna jipparteċipaw fi proġetti individwali tal-PESCO, skont l-Artikoli 4(2)(g) u 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-PESCO, il-gwida pprovduta fin-notifika tal-PESCO kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sett komuni ta' regoli ta' governanza.

Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża (CARD)

13. Jilqa' r-rapport dwar l-Ittestjar tal-CARD u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri parteċipanti biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet inklużi fih.
14. Filwaqt li jieħu kont tat-tagħlimiet identifikati, jaqbel li jvara l-CARD bħala attività permanenti, li jibda bl-ewwel ċiklu sħiħ tal-CARD fl-2019/2020, bil-ħsieb li tingħata gwida ulterjuri dwar opportunitajiet kollaborattivi u valutazzjoni dettaljata tal-ambjent tal-kapaċità Ewropea, filwaqt li jittieħed kont ukoll tax-xejriet fuq żmien qasir, fuq perijodu medju u fit-tul tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet. Abbażi tal-impenn sħiħ tal-Istati Membri, l-eżerċizzju tal-CARD ser ikompli jikkontribwixxi, flimkien mal-PESCO u l-Fond Ewropew għad-Difiża, għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża u l-investment fil-kapaċitajiet ta' difiża.
15. Jirrikonoxxi li l-eżerċizzju tal-CARD b'hekk ser jissostitwixxi kompiti preċedenti fir-rigward tat-twettiq ta' eżerċizzji ta' valutazzjoni taħt il-Qafas ta' Politika għall-Kooperazzjoni Sistematika u fit-Tul fil-Qasam tad-Difiża.
16. Jirrikonoxxi li l-koerenza fir-riżultat bejn il-CARD, kif ukoll il-Pjan ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet, u l-proċessi rispettivi tan-NATO, bħall-Proċess tal-Ippjanar tad-Difiża tan-NATO (NDPP), għet u ser tkompli tiġi żgurata, fejn ikunu sovrapposti r-rekwiżiti filwaqt li jirrikonoxxi n-natura differenti taż-żewġ organizzazzjonijiet u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

Fond Ewropew għad-Difiża

17. Jilqa' l-progress li sar, fil-kuntest ta' kemm l-attivitajiet attwali taħt l-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR) kif ukoll il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp Industrijali fil-Qasam tad-Difiża (EDIDP) u tal-Fond Ewropew għad-Difiża futur, sabiex irawmu l-kompetittività globali, l-effiċjenza u l-kapaċità ta' innovazzjoni tal-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea madwar l-Unjoni, billi jappoġġaw azzjonijiet kollaborattivi u l-kooperazzjoni transfruntiera bejn entitajiet legali madwar l-Unjoni, b'mod partikolari Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju (SMEs) u kumpanija b'kapitalizzazzjoni medja (mid-caps), kif ukoll irawmu esplotazzjoni aħjar tal-potenzjal industrijali tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, u b'hekk jikkontribwixxu għall-awtonomija strateġika tal-Unjoni u l-libertà ta' azzjoni tagħha.
18. Fir-rigward tal-attivitajiet attwali, jistenna b'interess ir-riżultati emerġenti tal-PADR u l-finalizzazzjoni bikrija aktar tard din is-sena tal-programm ta' ħidma għall-EDEDP bil-ħsieb li jinbdew proġetti ta' finanzjament kemm jista' jkun malajr fl-2019.
19. Laħaq qbil dwar approċċ ġenerali parzjali fir-rigward tal-proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-Fond Ewropew għad-Difiża, li jwitti t-triq għal ftehim mal-Parlament Ewropew mistenni kemm jista' jkun malajr fl-2019, mingħajr preġudizzju għall-ftehim ġenerali dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).
20. Itenni l-ħtieġa għall-implimentazzjoni tal-EDIDP u l-iżvilupp ulterjuri tal-Fond Ewropew għad-Difiża biex jiġu involuti bis-siġħ l-Istati Membri, isir użu siġħ mill-fehmiet u l-għarfien espert tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) u jiġi assoċjat is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE).

Koerenza bejn l-inizjattivi tal-UE

21. Jirrikonoxxi l-progress li sar lejn l-iżgurar tal-koerenza bejn l-inizjattivi tal-UE li jrawmu l-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tad-difiża (CARD, PESCO, Fond Ewropew għad-Difiża) bil-ħsieb li jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-Prijoritajiet tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet tal-UE u jikkontribwixxu għall-ksib tal-Livell ta' Ambizzjoni tal-UE dwar is-sigurtà u d-difiża, u jappella għal sforzi msaħħa f'dan ir-rigward.
22. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija biex ikompli jippromwovi sinerġiji ulterjuri u koordinazzjoni bejn l-inizjattivi tad-difiża tal-UE, inkluż CARD, PESCO u l-Fond Ewropew għad-Difiża, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija biex jippreżenta sa nofs l-2019 rapport prospettiv dwar l-interazzjonijiet, ir-rabtiet u l-koerenza bejn dawn l-inizjattivi, inkluż il-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' appoġġ fil-livell tal-UE, u filwaqt li jieħu kont tat-tagħlimiet rispettivi identifikati kif ukoll ir-rappurtar tal-Istati Membri.

Sett uniku ta' forzi

23. Ifakkar li, peress li l-Istati Membri għandhom biss "sett uniku ta' forzi" li jistgħu jużaw f'oqfsa differenti, l-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża tal-Istati Membri fil-qafas tal-UE b'hekk ser jgħin ukoll biex isaħħaħ dawn il-kapaċitajiet potenzjalment disponibbli għan-Nazzjonijiet Uniti u n-NATO.

Kooperazzjoni UE-NATO

24. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu dwar il-kooperazzjoni UE-NATO tat-8 ta' Ġunju 2018, jisħaq li l-isforzi ta' sigurtà u difiża tal-UE u n-NATO jikkontribwixxu sostanzjalment u b'mod koerenti għal Ewropa sigura, li jgħibu magħhom kemm benefiċċji kif ukoll responsabbiltajiet, u għal dawk l-Istati Membri kkonċernati, irawmu kondiviżjoni ekwa tal-piż.

25. Itenni li jkompli jiżgura l-koerenza u t-tisħiħ reċiproku bejn l-UE u n-NATO u li l-kooperazzjoni tkompli sseħħ b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' inklużività, reċiproċità u awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' it-tieni Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni UE-NATO ffirmata fl-10 ta' Lulju 2018 mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħidma li għaddejja bħalissa fuq l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti li jkopru 74 azzjoni u jišhaq fuq l-importanza li jiġi żgurat progress rapidu u li jista' jintwera fl-oqsma kollha. F'dan il-kuntest, jilqa' partikolarment l-Eżerċizzju Ibridu tal-UE Multilayer 2018 li għaddej bħalissa bħala eżempju ta' Eżerċizzji Paralleli Koordinati (PACE).

Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF)

26. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2018 dwar il-proposta tar-Rappreżentant Għoli, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, għal Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF), jieħu nota, mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri, tal-intenzjoni tal-EPF proposta biex ittejjeb il-kapaċità tal-Unjoni li tippreserva l-paċi, tipprevjeni l-konflitti u ssaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, u b'hekk isir progress lejn l-issodisfar tal-Livell ta' Ambizzjoni tagħha.
27. Jenfasizza li l-governanza tal-EPF proposta trid tirrispetta bis-sħiħ is-sjieda tal-Istati Membri u r-rwol ewlieni tagħhom fil-PESK u jinnota b'mod partikolari li, f'konformità mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-finanzjament ta' kull azzjoni skont l-EPF proposta jeħtieġ deċiżjoni minn qabel mill-Kunsill.
28. Jieħu nota tal-possibbiltajiet offruti mill-Faċilità proposta fir-rigward ta' azzjonijiet possibbli li għandhom jiġu ffinanzjati, li jridu jiġu definiti mill-Kunsill, il-potenzjal għal aktar koordinazzjoni, koerenza u kumplementarjetà ta' azzjonijiet tal-PESK tal-UE u ma' strumenti esterni oħra taħt il-baġit tal-UE, kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku globali tal-Faċilità proposta. Il-Kunsill jinnota li l-EPF proposta tkun tinkorpora, fost oħrajn, il-finanzjament ta' azzjonijiet li bħalissa huma ffinanzjati mill-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika u, f'dan il-kuntest, jišhaq fuq l-importanza tal-impenn kontinwu tal-UE b'appoġġ għal azzjonijiet ta' żamma tal-paċi u ta' stabbilizzazzjoni fil-kontinent Afrikan.

29. Jinnota l-possibbiltà offruta mill-EPF proposta biex jiġi ffinanzjat it-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-sħab tal-UE relatat ma' kwistjonijiet militari jew tad-difiża fil-kisba tal-oġettivi tal-PESK, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jintużaw bis-sħiħ il-possibbiltajiet għal dak il-għan taħt il-baġit tal-UE.
30. Jissottolinja li jenħtieġ li jiġu preservati l-effiċjenza u l-flessibbiltà operazzjonali tal-mekkaniżmu Athena.
31. Ifakkar li l-aspetti finanzjarju propost għall-EPF ser ikompli jiġi indirizzat fil-kuntest tan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perijodu 2021-2027 u jenfasizza f'dan il-kuntest in-neċessità tal-koerenza bejn l-istrumenti esterni differenti ta' finanzjament.
32. Jistieden lill-korpi preparatorji rilevanti tal-Kunsill biex ikomplu jmxexxu l-ħidma 'l quddiem, inkluż billi jadattaw il-proposta, kif meħtieġ.

Finanzjament ta' missjonijiet u operazzjonijiet militari

33. Ifakkar fil-kontribuzzjoni importanti tal-mekkaniżmu Athena biex jiffinanzja missjonijiet u operazzjonijiet militari tal-UE u jappella biex ir-rieżami li għaddej bħalissa jitlesta kemm jista' jkun malajr.
34. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Mejju 2017 dwar is-Sigurtà u d-Difiża fil-kuntest tal-Istrateġija Globali tal-UE, u sakemm jitlesta dan ir-rieżami, b'dan jaqbel li d-Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-finanzjament komuni u l-iskjerament tal-Gruppi Tattiċi tal-UE tiġi estiża sal-31 ta' Diċembru 2020.

Mobbiltà Militari

35. Filwaqt li jfakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2018, jilqa' l-implimentazzjoni li għaddejja bħalissa ta' sforzi biex itejbu l-mobbiltà ta' materjal u tagħmir militari għal attivitajiet ta' rutina u matul kriżijiet u konflitti, fl-UE u lil hinn minnha, permezz tal-mezzi kollha tat-trasport u fid-direzzjonijiet strateġiċi kollha, u b'hekk jippermettu lill-Istati Membri jaġixxu b'mod aktar rapidu u effettiv fil-kuntest tal-attivitajiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, nazzjonali u multinazzjonali. F'dan ir-rigward, ifakkar li t-titjib tal-mobbiltà militari jista' jinkiseb biss bl-involviment u l-impenn sħaħ tal-Istati Membri kollha tal-UE, billi jsegwu approċċ globali minn kull livell tal-gvern u l-involviment tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti lil hinn mill-ministeri għad-difiża, f'koerenza mal-inizjattivi rilevanti fil-livell tal-UE inkluż fil-kuntest tal-PESCO u f'kooperazzjoni mill-qrib man-NATO bħala parti mill-qafas tal-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti.
36. Itenni li jibqgħu fundamentali u ser jiġu rispettati bis-sħiħ is-sovranià, it-teħid ta' deċiżjonijiet, il-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali, inkluż dwar movimenti militari, investimenti fl-infrastruttura, regoli u prinċipji ambjentali. Kwalunkwe deċiżjoni ser tittieħed fuq bażi skont il-każ u wara l-involviment sħiħ mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha.
37. Jilqa' l-implimentazzjoni ulterjuri tal-proġetti tal-PESCO relatati mal-qasam tal-mobbiltà militari kif ukoll it-tmexxija 'l quddiem tal-erba' miżuri fil-livell nazzjonali sa tmiem l-2019 kif maqbul fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-sigurtà u d-difiża tal-25 ta' Ġunju 2018, b'mod partikolari l-paragrafu 18 ta' dawk il-konklużjonijiet. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ser jirrieżamina l-progress kull sena u ser jerġa' lura għall-kwistjoni tal-implimentazzjoni ta' dawn l-erba' miżuri nazzjonali u tar-riżultati tanġibbli sas-sajf tal-2019 inkluż billi jiddefinixxi, jekk possibbli, objettivi aktar ambizzjużi u bi skadenzi marbuta biż-żmien.

38. Jilqa' l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari bit-tlestija tar-Rekwiżiti Militari għall-Mobbiltà Militari fl-UE u Lil Hinn Minnha bħala segwitu għall-parti ġenerali li ntlaħaq qbil dwarha mill-Kunsill f'Ġunju, li tinkorpora l-kontribut nazzjonali mill-Istati Membri tal-UE kif ukoll tirrifletti l-parametri militari ġeneriċi għall-infrastruttura min-NATO. Mingħajr ma jippreġudikaw deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu aktar 'il quddiem fil-proċess, dawn ir-rekwiżiti jipprovdu l-kontribut militari għall-passi li jmiss fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni, inkluż dwar l-infrastruttura tat-trasport.
39. Jappella għall-eżami f'waqtu mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, is-SEAE/il-Persunal Militari tal-UE u l-EDA, biex jiġu identifikati l-lakuni bejn ir-rekwiżiti militari u l-parametri tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T), filwaqt li jittieħed kont debitu tal-fattibbiltà, it-tagħmir eżistenti u l-vijabbiltà teknika, il-kunsiderazzjonijiet finanzjarji u tal-inġinerija kif ukoll ir-realtajiet ġeografiċi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jirrikonoxxi l-potenzjal tal-proposta, mingħajr ma jippreġudika diskussjonijiet taħt il-QFP li jmiss, għal finanzjament tal-UE permezz tal-Programm "Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa" l-ġdid li jappoġġa infrastruttura tat-trasport fin-Netwerk TEN-T sabiex tittejjeb il-mobbiltà militari.
40. Jilqa' l-ħidma li għaddejja bħalissa fil-qafas tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari bl-istabbiliment rapidu ta' żewġ proġetti dwar id-Dwana, li tenfasizza l-importanza li tiġi żgurata l-koerenza bejn il-mudell u l-proċess li għandhom jiġu żviluppati mal-proċeduri tan-NATO u dwar il-Permess għall-Moviment Transfruntier, fejn il-Kunsill jistenna b'interess il-konklużjoni tal-Arranġament tal-Programm rilevanti fil-bidu tal-2019.
-